

Brussell, 26 ta' Settembru 2025
(OR. en)

13156/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2012/0231 (NLE)**

**TRANS 398
MAR 122
AVIATION 128
ESPACE 61
EU-GNSS 13
RELEX 1211
CH 46
AELE 87**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	13452/12 + ADD 1; 13456/12 + ADD 1; 10505/13; 7818/25
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera min-naħa l-oħra, dwar il-Programmi Ewropej ta' Navigazzjoni bis-Satellita - Adozzjoni

1. Fl-4 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-Programmi Ewropej ta' Navigazzjoni bis-Satellita.
2. Fl-istess data, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni.

3. Wara l-eżami fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport - Kwistjonijiet Intermodali u Networks, fit-23 ta' Settembru 2013 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill^[1] dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni^[2].
4. Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni ilu jiġi applikat b'mod proviżorju mill-1 ta' Jannar 2014 u l-proċessi ta' ratifika mill-Istati Membri ġew iffinalizzati fl-20 ta' Diċembru 2024.
5. Sussegwentement, il-Grupp ta' Ħidma eżamina l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni u laħaq qbil dwaru fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Marzu 2025.
6. Wara l-qbil fil-Grupp ta' Ħidma, fit-13 ta' Mejju 2025 il-Kunsill iddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, kif imħejji mis-servizz tal-ġuristi lingwisti tal-Kunsill, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu (ST 7818/25). Fl-istess laqgħa, il-Kunsill approva l-verżjoni bil-lingwa Irlandiża tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni, li ma kinitx prodotta qabel (ST 10505/13).
7. Fl-10 ta' Settembru 2025, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim.
8. Għaldaqstant, il-Coreper huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jadotta l-abbozz ta' deċiżjoni dwar il-konklużjoni kif jinsab fid-dokument ST 7818/25 kif ukoll it-test tal-Ftehim kif jinsab fid-dokument ST 10505/13 sabiex jippermetti l-konklużjoni tal-ftehim.

^[1] ĠU L 15, 20.01.2014, p. 1-2.

^[2] ĠU L 15, 20.1.2014, p. 3-17.